Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11126 — TOWERBROOK / LOV GROUP / ELOCGA / THE INDEPENDENTS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 187/08)

1. Fit-22 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— TowerBrook Capital Partners L.P. ("TowerBrook", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Lov Group/il-familja Courbit ("LOV Group", Franza),

— ELOCGA (il-Lussemburgu),

— The Independents u s-sussidjarji tagħha ("The Independents Group", il-Lussemburgu).

Towerbrook, LOV u ELOCGA se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' The Independents Group.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— TowerBrook hija ditta ta' ġestjoni tal-investiment li tinvesti f'kumpaniji kbar u ta' daqs medju Ewropej u tal-Amerka ta' Fuq,

— LOV Group hija kumpanija azzjonista Franċiża prinċipalment attiva fl-industrija tad-divertiment, permezz ta' FL Entertainment, kif ukoll fis-setturi tal-lukandi lussużi u tal-ikel. FL Entertainment hija stess attiva fil-produzzjoni ta' kontenut awdjoviżiv permezz ta' Banijay u s-settur tal-logħob tal-azzard online permezz ta' Betclic Everest Group,

— ELOCGA hija l-kumpanija azzjonista tal-fundaturi ta' The Independents Group, li twettaq ukoll negozju barra minn The Independents Group fis-settur tal-oġġetti tal-konsum, u

— The Independents Group huwa grupp ta' servizzi ta' komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni internazzjonali li jopera madwar id-dinja, prinċipalment attiv fis-swieq għar-reklamar, il-kummerċjalizzazzjoni u s-servizzi ta' komunikazzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11126 — TOWERBROOK / LOV GROUP / ELOCGA / THE INDEPENDENTS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË